MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

## ONOR. IMHALLEF

## EDWINA GRIMA

Seduta tat-28 ta' Jannar, 2015

Appell Civili Numru. 17/2013

**Joseph Fenech**

**Vs**

**Direttur tas-Sigurta` Socjali**

**Il-Qorti,**

Rat is-sentenza moghtija fit-30 ta' Settembru 2013 fejn l-Arbitru ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

*"L-Arbitru*

*Ra l-applikazzjoni tal-appellant tat-8 ta' Jannar 2013 għall-pensjoni Kontributorja (Invalidità)*

*Ra d-deċiżjoni tal-Bord Mediku tal-25 ta' Frar 2013*

*Ra d-deċiżjoni tad-Direttur tas-Sigurta Soċjali tal-5 ta' Marzu 2013 fejn t-talba tal-appellant ġiet miċħuda.*

*Ra l-ittra tal-appell tas-27 ta' Marzu 2013 u kif ukoll iċ-ċertifikati mediċi eżebiti mill-istess appellant.*

*Sema lill-appellant waqt is-seduta tas-26 ta' Settembru 2013.*

*Ħa in konsiderazzjoni l-opinjoni tal-espert mediku preżenti għas-seduta.*

*Ikkunsidra:*

*Illi l-appellant li għandu sitta u ħamsin sena xehed illi huwa spiċċa mill-Forzi Armati ta' Malta fil-15 ta' Frar 2012 wara ħamsa u għoxrin sena servizz. L-appellant jgħid illi ma jistax jaħdem għaliex ibati mill-artrite, iħoss għejja kbira u jbati minn kndizzjoni f'dahru apparti mill-kondizzjonimentali tad-dipressjoni.*

*Illi pero meta mistoqsi x'kura qiegħed jieħu għall-kondizzjonijiet mediċi u mentali imsemija minnu, l-appellanti stqarr illi l-pilloli tad-dipressjoni spiċċawlu u għalhekk preżentament mhuwiex qiegħed jieħu kura filwaqt illi fir-rigward tal-uġiegħ f'dahru jgħid illi l-uġiegħ naqaslu.*

*Illi għalhekk mix-xhieda tal-appellant u kif ukoll mill-atti ma jirriżultax sodisaċentament ippruvat illi l-appellant ibati minn mard serju,gravi u permanenti li jinibih milli jaħdem hekk kif rikjest mill-Artikolu 26 (1) ( b) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.*

*Għaldaqstant għar-raġunijiet hawn fuq imsemmija l-appell qieħged jiġi miċħud".*

Bl-appell tiegħu l-appellanti Joseph Fenech jikkontesta id-deċiżjoni tal-Arbitru, illi ċaħdet it-talba tiegħu għall-Pensjoni Kontributorja (Invalidità), bl-argument illi sar apprezzament ħażin tal-fatti u l-provi u dana meta gie deciz illi huwa ma rnexxielux jipprova li jbati minn mard serju, gravi u permanenti li jinbih milli jaħdem ai termini tal-Artikolu 26(1)(b) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi fid-decizjoni moghtija, l-Arbitru waslet ghal konkluzjoni illi: *mix-xhieda tal-appellant u kif ukoll mill-atti ma jirriżultax sodisfaċentament ippruvat illi l-appellant ibati minn mard serju, gravi u permanenti li jinibih milli jaħdem hekk kif rikjest mill-Artikolu 26(1)(b) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta.*

Il-fatti ta' dan il-każ huma s-segwenti: L-appellanti spiċċa mill-Forzi Armati ta' Malta fil-15 ta' Frar 2012 wara ħamsa u għoxrin sena servizz. Huwa jallega illi jinsab fl-impossibilita' li jaħdem għaliex ibati mill-artrite, iħoss għejja kbira u jbati minn kondizzjoni f'dahru apparti mill-kondizzjoni mentali tad-dipressjoni. Illi meta kien qiegħed jixhed dwar x'kura jieħu, l-appellanti stqarr illi l-pilloli tad-dipressjoni kienu spiċċawlu u l-uġiegħ ta' dahru naqaslu.

Illi l-artikolu 26(1) tal-Kapitolu 318 tal-Liġijiet ta' Malta, li hija d-disposizzjoni legali li fuqha L-Arbitru ibbażat id-deċiżjoni tagħha, jipprovdi:

> ***(1) Bla ħsara għad-disposizzjonijiet ta’ dan l-Att, persuna għandha tkun intitolata għal Pensjoni għal Invalidità jew għal Pensjoni Miżjuda għal Invalidità jew għal Pensjoni Minima Nazzjonali skont l-artikolu 50 jew għal Pensjoni Minima Nazzjonali Garantita skont l-artikolu 50A, kif ikun il-każ, b’waħda mir-rati speċifikati fit-Tnax-il Skeda jekk:***
>
> ***(b) l-inkapaċità tagħha kif imsemmi hawn qabel titqies mid-Direttur, li jaġixxi fuq il-parir ta’ persuna waħda jew aktar li jkollhom warrant li jeżerċitaw il-professjoni medika u li jkunu maħturin mill-Ministru għall-fini li jagħtu parir fuq każijiet bħal dawk skont l-artikolu 106, li tkun ta’ natura permanenti, jew, jekk il-permanenza tagħha ma tistax tiġi stabbilita definittivament, titqies mid-Direttur wara konsultazzjoni kif provdut fl-artikolu 106, li tipprojbixxi lil dik il-persuna milli jkollha impjieg full-time jew impjieg part-time regolari jew li taħdem għaliha nnifisha għal mhux inqas minn sena mid-data tat-talba għal dik il-pensjoni u dik il-persuna tkun intitolata biss li tirċievi pensjoni taħt dan l-artikolu għal dak l-għadd ta’ snin skont ma d-Direttur jista’ jistabbilixxi; u Kap. 343.***

Illi l-interpretazzjoni li ghandha tgi moghtija lil din id-disposizzjoni tal-ligi giet hekk imfissra minn din il-Qorti kif diversament ippresjeduta:

***Kif taraha din il-Qorti fuq l-interpretazzjoni taghha l-proposizzjoni legislattiva bl-Artikolu 26 (1) tal-Kapitolu 318 ghandha titfisser fis-sens illi d-diversi subparagrafi tieghu, konkatenati flimkien, huma miranti biex joffru assistenza ekonomika-socjali lil persuni, sija impjegati subordinati jew self-employed, minhabba inkapacita` tali li timpedixxi lil dik il-persuna milli tkompli fid-dinja tax-xoghol, sija attwali jew potenzjali***. (Appell Civili Numru. 14/2008, Georgina Cilia vs Direttur tas-Sigurta` Socjali tat-13 ta' Marzu, 2009).

Specifikatament imbaghad dwar l-Artikolu 26(1)(b) inghad:

***Dak li l-ligi u senjatament l-artikolu 26 (1) (b) tal-Kap. 318 jesigi sabiex applikant ikollu dritt ghal tali beneficcju huwa li huwa ikun qed isofri jew minn inkapacita' permanenti jew jekk din l-inkapacita' permanenti ma tkunx tista' tigi stabbilita definittivament, titqies mid-direttur, li tipprojibixxi dik il-persuna milli jkollha mpjieg part time jew full time ghal mhux inqas minn sena mid-data tat-talba ghal pensjoni.*** (Appell Civili Numru. 1/2012 Paul Cassar 253652M vs Direttur tas-Sigurta' Socjali tal-15 ta' Novembru, 2012).

Mela allura dak li nghad fid-decizjoni mill-Arbitru mhux korrett. Li huwa rikjest mil-liġi u speċifikament l-artikoli li għalih tagħmel riferenza l-Arbitru stess huwa li sabiex applikant ikollu dritt ghal tali beneficcju huwa irid ikun qed isofri jew minn inkapacita' permanenti **jew** inkella jekk din l-inkapacita' permanenti ma tkunx tista' tigi stabbilita definittivament, tkun tali li timpedixxi lil dik il-persuna milli jkollha mpjieg *part time* jew *full time* ghal mhux inqas minn sena mid-data tat-talba ghal pensjoni Kwindi ma huwiex rikjest li l-applikant ikun attwalment taht kura qabel tali talba tiegħu għall-Pensjoni Kontributorja (Invalidità). Din il-Qorti tosserva illi r-rekwiżiti tal-artikolu 26 (1)(b) ikunu sodisfatti ukoll jekk l-inkapaċità tkun tali illi tipprojbixxi lill-applikant milli jżomm l-impjieg tiegħu għal mhux inqas minn sena mid-data tat-talba għal dik il-pensjoni.

Dan stabbilit ghalhekk tinsorgi applikazzjoni u interpretazzjoni zbaljata maghmula mill-Arbitru ghar-rigward ta' dak dispost fl-artikolu 26(1)(b) ta'l-Att. Dana ghaliex il-motivazzjoni li wasslet lill-Arbitru sabiex tirrigetta l-appell tal-kontribwent kienet il-fatt dikjarat minnu illi huwa ma kienx qieghed jiehu l-

kura ghal kundizzjoni medika tieghu u illi l-ugigh f'daharu naqaslu. Fatturi wahedhom li ma jissodissfawx il-kriterji stabbiliti fl-artikolu 26.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, taqta' u tiddeciedi, billi tilqa' l-appell interpost mill-appellanti, biss in kwantu l-istess huwa konsistenti ma' dak hawn deciz, b'hekk thassar u tannulla d-decizjoni tal-Arbitru ghall-finijiet u effetti kollha tal-Ligi u tirrinvija l-atti processwali kollha sabiex l-istess talba tal-appellanti tigi trattata mill-gdid u deciza skont dak hawn deciz u skont il-ligi.

L-ispejjez, fic-cirkostanzi, jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------